# Il-Monument tal-Ħruq tal-Kotba, Berlin, Bebelplatz

Memory Walk, id-Dar ta' Anne Frank

"Naf li f'din il-pjazza nħarqu l-kotba. Jekk dawn suppost huma xkafef tal-kotba vojta, mela allura forsi huma relatati."

"F'nofsillejl ta' nhar l-10 ta' Mejju 1933, studenti Ġermaniżi li kienu jaqblu mal-ideat ta' Hitler li jippurifika l-lingwa u l-letteratura Ġermaniża, organizzaw ħruq kbir ta' kotba f'dik li qabel kienet l-Opernplatz f'Berlin. Inħarqu aktar minn 20 000 ktieb, u nqerdu x-xogħlijiet tal-kittieba, il-poeti u x-xjenzati hekk imsejħa "anti-Ġermaniżi". Fosthom kien hemm xogħlijiet ta' Karl Marx, Sigmund Freud, Helen Keller, Bertolt Brecht u Ernest Hemingway. Wieħed mill-awturi li kitbiethom spiċċaw maħkuma mill-fjammi kien Heinrich Heine, li aktar minn 100 sena qabel kien kiteb hekk:

"Kull fejn jaħarqu l-kotba, fl-aħħar mill-aħħar għad jaħarqu l-bnedmin." (Heinrich Heine, 1820)

Il-ħruq ta' kotba f'Berlin u fi bliet oħra fil-Ġermanja kkawża għadab kbir fl-Istati Uniti. Eluf ta' persuni niżlu jipprotestaw fit-toroq ta' New York. L-awtriċi Amerikana Helen Keller kitbet ittra miftuħa lill-istudenti Ġermaniżi:

"L-istorja m'għallmitkom xejn jekk taħsbu li tistgħu toqtlu l-ideat (...) Tistgħu taħarqu l-kotba tiegħi u l-kotba tal-aqwa mħuħ fl-Ewropa, iżda l-ideat li hemm fihom daħlu u nifdu b'ħafna modi u se jibqgħu jistimulaw imħuħ oħra." (Helen Keller, 1933)

Fl-1995, l-artist Iżraeljan Micha Ullman ħoloq monument biex jikkommemora dan il-preludju għall-Olokawst. Il-monument huwa librerija taħt l-art b'biżżejjed spazju biex joqogħdu 20 000 ktieb. Jikkonsisti fi spazju taħt l-art ta' 5 metri fuq kull naħa, mgħotti b'għatu tal-ħġieġ li wieħed jista' jara minnu. Il-monument huwa moħbi u faċli li wieħed ma jindunax bih, iżda jitlobna nirriflettu dwar l-istorja u dwarna nfusna sabiex nevitaw li l-istorja tirrepeti ruħha.

"X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar il-monument?"

– Hemm tip ta' monument xieraq għal kull epoka. Jiġiferi għal żmienna wkoll.

– Tabilħaqq naħseb li hu mod tajjeb ħafna kif nikkommemorawh. Naħseb li l-ixkafef vojta jgħidulna storja vera cool. Naħseb li juri post mitluf fl-istorja, hux hekk?

– Jien naħseb li hu tassew simboliku. Naħseb li fil-fatt iġiegħlek taħseb ftit aktar minn xi ħaġa li hija forsi aktar diretta, taf inti.

– Forsi n-nies jaraw l-ixkafef tal-kotba vojta, iżda ma jafux it-tifsira warajha. Għalhekk naħseb hemm bżonn tiżdied deskrizzjoni. "

"Monument huwa l-aħjar mod biex nitgħallmu mill-passat?"

– Ma naħsibx li ż-żgħażagħ isibuhom attraenti ħafna l-monumenti.

– Naħseb li n-nies jifhmu verament xi ħaġa meta din tkun ċara, meta wieħed jaraha u jkun kapaċi jimmaġina x'ġara tassew. Din hi r-raġuni għaliex naħseb li l-iskejjel għandhom jippruvaw iżuru postijiet storiċi.

– Il-monumenti għandhom post importanti fil-ħajja, iżda naħseb li hawnhekk fil-Ġermanja u f'Berlin għandna t-tendenza li nesaġeraw ftit. Naħseb li l-monumenti qegħdin hemm biex juru xi ħaġa tal-passat li tkun tajba u li jeħtieġ tiġi mgħallma lill-ġenerazzjonijiet tal-futur għaliex dejjem hemm xi ħaġa x'titgħallem minnha. Iżda jekk teħel fil-passat, allura naħseb li xi ħaġa tibda sejra żmerċ.

– Taf inti, huwa importanti li l-istorja, tkunx tajba jew ħażina, tiġi ddokumentata u mfakkra – għat-tajjeb jew għall-ħażin tagħha – u li, f'dal-każ, dak li jkun jifhem li mhux hekk għandu jsir.

Anke llum għadhom jinħarqu l-kotba, minħabba fehmiet ideoloġiċi reliġjużi jew politiċi estremisti. Fl-2002, kotba ta' J.K. Rowling ingħataw in-nar fl-Istati Uniti, f'Moska u fil-Messiku, għax kien hemm min qal, pereżempju, li Harry Potter huwa l-Antikrist. Fl-2006, grupp ta' neo-Nazisti fi Pretzien, il-Ġermanja, ħarqu kopja tad-djarju ta' Anne Frank, li huma jqisu li huwa gidba. Fl-2011, fi Florida, ir-Reverendu Terry Jones organizza l-ħruq tal-Koran, att li kkawża rewwixta fl-Afganistan li swiet il-ħajja ta' tmien membri barranin tal-persunal tan-NU.

"X'taħseb dwar dawn il-każijiet reċenti ta' ħruq ta' kotba?"

– Naħseb li huwa xokkanti u tal-biża' li n-nies jaslu biex jagħmlu xi ħaġa bħal din. X'għamad għandhom fuq għajnejhom.

– Naħseb li huwa daqstant ieħor ħażin, huma ta' min huma l-kotba li qed jinħarqu; naħseb li hija assurdità li xi ħadd jagħmel xi ħaġa hekk lil kwalunkwe razza, reliġjon, twemmin, hu x'inhu...

– Iva, l-ebda gvern m'għandu d-dritt iċaħħad lil xi ħadd mir-reliġjon tiegħu jew mill-mod kif jaħsibha. Mhuwiex sewwa, u daqshekk.

– L-injoranza hija dik li hi, taf int, ma tantx tgħinu lil dak li jkun. Li tagħti n-nar lill-kotba huwa att pjuttost b'saħħtu. Tista' ma taqbilx ma' xi ħaġa – ma kellux għalfejn jaqbel bilfors mal-Koran. Madankollu, żgur m'għandekx taħarqu. Ma jagħmilx sens.

– In-nies jitgħallmu mill-iżbalji. Speċjalment fir-rigward tas-Soċjaliżmu Nazzjonali. Għal żmien twil kien tabù, iżda llum m'għadux il-każ. Titgħallem mill-iżbalji tal-passat – xi ħaġa bħall-ħruq ta' kotba ma timmaġinahiex issir fil-Ġermanja llum.

"Hija tabilħaqq inimmaġinabbli?"

*Ringrazzjament speċjali lil Chronos Media GmbH*
*Film ta' Lorenz Hutegger, Kathrin Pham, Tamara Messer, Sassan Esmailzadeh, Sami Yazicilaroglu*